# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 33/99**

**Numru 30**

**Patrick Spiteri Swain**

**vs**

**Odette Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur s-somma ta' sitt mija u sitta u sebghin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm676.23,0) jew somma verjuri, rappresentanti danni mill-konvenuta kagunati lill-attur fl-incident awtomobilistiku tat-12 ta' Awissu 1998 fi Triq il-Fortizza, Naxxar, bejn il-Land Rover numru KBB 426 misjuqa mill-konvenuta u l-karozza numru CAP 658 misjuqa minn Sonia Spiteri Swain u propjreta' tal-attur, liema incident gara b'tort unikament tal-konvenuta minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni u tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz kontra s-socjeta assikuratrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet (a fol 5 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u traskuragni tal-eccipjent izda minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-attur.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suddett, id-danni riklamati mill-attur bhala rizultat tal-kollizzoni huma ezagerati.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 30 u 31 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in forma preliminari ser jigi kunsiderat ir-rikors tal-konvenuta presentat minnha fis-7 ta' Dicembru 2000 li bih talbet sabiex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza f'dan il-kaz u b'hekk tkun tista' tressaq il-provi taghha. In konnessjoni mal-istess rikors, giet presentata risposta da parti tal-attur fit-22 ta' Dicembru 2000 li fiha hu oppona ghal din it-talba ghar-ragunijiet premessi fl-istess risposta. Hawnhekk il-Qorti tghid, minnufih, li l-konvenuta di gja kellha l-opportunita sabiex taghmel dan izda filfatt ma kienetx dehret hi stess sabiex tressaq il-provi taghha (ara fol 30 u 31 tal-atti gja citati) u fuq insistenza tal-attur l-istess kawza giet differita ghal din id-data sabiex tinghata s-sentenza. Dan premess jidher ukoll li l-attur ghandu interess li dan il-kaz jigi deciz minnufih minhabba s-sitwazzjoni li tinsab fiha il-kumpanija assikuratrici tal-konvenuta (ara l-paragrafu 4 tal-istess risposta kif ukoll l-ittra annessa ma din ir-risposta u markata Dok A).

Ghalhekk tenut kont tal-premess u ta' dak stipulat fl-artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) din il-Qorti ser tichad it-talba tal-konvenuta u tghaddi sabiex tipprolata is-sentenza f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti mill-attur specifikatament l-istess attur (fol 15 et seq ibid) u martu Sonia Spiteri Swain (a fol 25 et seq ibid) jidher li l-imsemmija Sonia Spiteri Swain, akkompanjata minn zewgha l-attur, kienet qed issuq il-vettura bin-numru CAP 658 f'Triq il-Fortizza fil-Mosta. Kif kienet "in motion", hi rat, wieqfa f'triq laterali l-vettura l-ohra, misjuqa mill-konvenuta. Kif fil-fatt, hi waslet livell mal-istess triq laterali, il-vettura misjuqa mill-konvenut insaqet u harget il-barra mit-triq laterali u avolja sar tentattiv sabiex tigi evitata l-habta, il-vettura misjuqa mill-konvenuta laqtet dik misjuqa minn mart l-attur fuq wara fuq il-lemin. Jigi notat, ukoll, li kemm l-attur kemm martu xehdu li kien hemm sinjal ta' "stop" fuq l-istess triq laterali.

Illi fil-kopja tar-rapport tal-Pulizija esebit mill-attur in atti, jinghad a fol 23 li l-konvenuta stqarret, wara l-incident li kienet ser tohrog minn Triq laterali ghal go Triq il-Fortizza "when through misjudgement collided into CAP 658".

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess jidher car u evidenti li l-konvenuta saqet il-vettura taghha minn triq laterali ghal go wahda principali minghajr id-debita attenzjoni u kawtela rikjesti minnha (ara ukoll dak li xehed l-attur a fol 16 mir-raba' sas-sitt paragrafu).

<u>Ikkunsidat</u>

Illi in rigward il-"quantum" tad-danni l-attur esebixxa d-dokumenti a fol 18 u 19 tal-atti minn fejn jirrizulta li hu effettivament nefaq l-ammont pretiz fl-avviz sabiex jirripara d-danni kagunati minn sewqan negligenti da parti tal-istess konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba sewqan traskurat u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm676.23,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm676.23,0 bl-imghax legali mit-12 ta' Jannar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg